ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

30 JAN 2024

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 589**

**Il-Ħamis 28 ta' Diċembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Angelo Scicluna – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra – Kunsilliera

**ASSENTI**

Joseph Vella – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**589.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

589.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech u mis-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech u s-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra jkunu skużati.

**589.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

589.2.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 587.12.5 u wara l-kliem 'Is-Sur Mark Grech talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata attività tal-Milied mal-iskejjel fil-lokalità' jiżdied dan il-kliem 'kif ukoll mas-Sotto Kumitat tal-Familja, Żgħażagħ u Tfal.' u wara l-kliem 'Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kunsillieri ma tantx jitolbu jorganizzaw attivitajiet individwali' jiżdied dan il-kliem 'u ssuġġeriet li l-Kunsill japprova attivitajiet bħal dawn.' Il-minuti tal-587 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

589.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-minuti tal-588 laqgħa ġew unanimament approvati.

**589.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

589.3.1 Is-Sindku tkellem dwar d-diffikultajiet u l-isfidi li ltaqa' magħhom il-Kunsill biex jikkoordina t-tiżjien tal-Milied fit-toroq. Is-Sindku spjega li kien intlaħaq ftehim bejn il-Kunsill u l-kuntrattur biex id-dekorazzjonijiet fit-toroq jinxtgħelu matul l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru, speċjalment għall-fatt li l-Kunsill kellu l-attività tal-Milied. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur kien ingaġġat minn diversi Kunsilli Lokali biex iżejjen it-toroq matul iż-żmien tal-festi tal-Milied. Madankollu, il-kuntrattur kien beda jinnotifika lill-Kunsilli li ser ikun hemm dewmien, jew agħar minn hekk, li mhux ser ilaħħaq jagħmel it-tiżjin. Is-Sindku qal illi hu ma kienx aċċetta u li qamu xi argumenti mal-kuntrattur. Barra minn hekk, spjega li għamel ġimgħa jipprova jikkuntattja lill-kuntrattur permezz tat-telefon iżda ma rnexxilux. Is-Sindku żied jgħid li dekorazzjonijiet ta' Triq is-Santwarju kienu proprjetà tal-Kunsill u kienu maħżuna fil-maħżen tal-kuntrattur. Konsegwentement, is-Sindku għamel sforzi biex jirkupra dawn id-dekorazzjonijiet sabiex isib mezz alternattiv u jqabbad kuntrattur ieħor jagħmel it-tiżjin. Minkejja dan, il-kuntrattur kien irrifjuta u talab lill-Kunsill biex jiffirma dokument li jirrikonoxxi d-dekorazzjonijiet bħala proprjetà tal-kuntrattur. B'reazzjoni, is-Sindku nforma lill-kuntrattur li l-Kunsill kien ser jieħu azzjoni legali jekk id-dekorazzjonijiet ma jiġux ritornati fil-pront. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-kuntrattur kien tah it-tiżjin tal-Kunsill. Barra minn hekk, kien inkera dawl dekorattiv għal Triq il-Kbira u nxtara dawl dekorattiv ġdid sabiex isir it-tiżjin f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u nkrew il-kaxxi tad-dawl temporanju.

589.3.2 Fis-6.15 is-Sinjorina Angel Louiselle Camilleri daħlet għal-laqgħa.

589.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-attività tal-Milied u spjega li din kellha tiġi ikkanċellata minħabba maltemp. Peress illi kienet prevista maltempata mill-Uffiċju Meterjoloġiku, is-Sindku spjega li kien avża lill-parteċipanti nvoluti li l-attività kienet ser tiġi kkanċellata u dan sabiex jiġu evitati spejjeż bla bżonn. Minkejja dan, il-Kunsill kien obbligat iħallas ħames mitt (€500) lill-koordinatur ta' din l-attività u mija u ħamsin (€150) spejjeż ta' reklamar relatati ma' din l-attività. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li minflok din l-attività ġie mifthiem li jiġu organizzati żewġ kunċerti mużikali tal-Milied, wieħed mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u l-ieħor mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, b'nefqa ta' €1,500 għal kull kunċert. Barra minn hekk, ser issir purċissjoni bil-bambin bil-kollaborazzjoni ta' *Zabbar Scout Group*, għall-prezz ta' €500, kunċert fil-knisja esegwit mill-Kor tal-Parroċċa Kor Notre Dame għall-prezz ta' €2,000 u purċissjoni tal-Milied b'kollaborazzjoni mal-Mużew tas-Subien għall-prezz ta' €500. Dawn l-ispejjeż huma koperti mill-fondi għall-attivitajiet kulturali tar-Reġjun Port.

589.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2024 kienet ser tkun tammonta għal €1,1232,528 li tinkludi fond ta' €10,000, Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet u l-ammont ta' €111,884 bħala allokazzjoni tal-komunitajiet - St Peter.

589.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-minuti tal-Laqgħa Annwali li saret nhar it-Tlieta, 5 ta' Diċembru, 2023. Il-minuti ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

589.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill talba mill-impjegati tal-Kunsill fejn talbu l-approvazzjoni biex numru ta' siegħat ta' *vacation leave* tas-sena 2023 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tagħhom għas-sena 2024 peress li ma kienx possibli jagħmlu użu sħiħ minnhom minħabba esiġenzi ta' xogħol. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' it-talba tal-impjegati.

589.3.7 Is-Sindku nfoma lill-membri preżenti li minħabba qtugħ fil-provvista tal-elettriku, il-Korporazzjoni Enemalta kienet ser tagħmel xogħol estensiv biex issaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku u ser tgħaddi *cable* ġdid taħt l-art fi Triq ix-Xgħajra, Triq il-Bikri, Triq is-Selq u Triq il-Liftija. Permezz ta' dan il-proġett, l-Enemalta se jkollha aktar konnesjonijiet alternattivi biex jonqsu r-riskji ta' ħsarat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħlijiet mistennija jibdew matul ix-xahar ta' Jannar 2024.

589.3.8 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq ~~ix-Xgħajra~~ is-Santwarju kien hemm lampi ornamentali tad-dawl miftija u staqsa jekk il-Korporazzjoni Enemalta tistax tibdel il-*cable* li hemm maqtugħ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-proġett tal-

Korporazzjoni Enemalta kien ser isir fil-parti ta' fuq ta' Triq ix-Xgħajra filwaqt li l-lampi maqtugħin kienu fi Triq is-Santwarju ~~l-parti t'isfel tat-triq.~~ Emendati

589.3.9 Is-Sindku nfoma lill-membri preżenti li waqt laqgħa li kellu ma' *Project Green* sar qbil biex tiġi organizzata attività li tippromwovi l-*Obstacle Course Racing* (OCR) fil-Park ta' San Klement u *Project Green* ser tiffinanzja l-ispiża ta' €5,000. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet x'tip ta' attività kienet ser tiġi organizzata. Is-Sindku qal illi kienet ser tiġi organizzata attività sportiva' flimkien ma' *St Patrick FC Zabbar Nursery* u ma' *Zabbar Scout Group.*

589.3.10 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx hemm servizz ta' *wifi* fil-Park ta' San Klement. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Joseph Agius qal illi l-Park ta' San Klement kien qed ikun iffrekwentat minn ħafna nies.

589.3.11 Is-Sindku nfoma lill-membri preżenti li Transport Malta kienu bagħatu pjanta aġġornata tat-triq li ser tinfetaħ ġewwa ż-żona tal-Fatah. Is-Sindku żied jgħid li kien ser itella' din il-pjanta fuq il-paġna tal-midja soċjali tal-Kunsill għall-attenzjoni tal-pubbliku.

589.3.12 Is-Sindku ressaq rendikont tal-*coffee morning* li sar fis-Sala Notre Dame għall-attenzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li din l-attività kienet ta' suċċess u rringrazzja lill-voluntiera kif ukoll lill-Kunsillieri li kienu preżenti matul din l-attività. Is-Sindku ppropona li matul ix-xahar ta' Jannar jiġi organizzat *coffee morning* barra Ħaż-Żabbar. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

589.3.13 Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Buttigieg jagħti rendikont tal-attività li organizza lill-anzjani. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li għal din l-attività kienu attendew madwar mitt persuna u żied jgħid li l-attività kienet ta' suċċess. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Buttigieg biex jagħti rendikont ta' kull attività li tiġi organizzata għall-anzjani u li dan ir-rendikont għandu jinkludi rendikont ta' dħul u nfieq.

**589.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

589.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**589.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

589.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Novembru 2023 u t-28 ta' Diċembru 2023 li kienet tammonta għal €120,941.08.

**589.6 Jum Ħaż-Żabbar**

589.6.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jintuża s-siġill uffiċjali tal-Kunsill għal fuq iċ-ċertifikati li ser jingħataw f'Jum Ħaż-Żabbar.

589.6.2 Is-Sindku tkellem dwar Jum Ħaż-Żabbar u qal li hemm il-ħsieb li bħas-sena l-oħra jiġi organizzat kunċert fil-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u wara jsir riċeviment fis-Sala Notre Dame.

589.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont il-proċeduri finanzjarji, l-infiq relatat ma' Jum il-Lokalità m'għandux jaqbeż is-somma ta' €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni finanzjarja, liema minn dawn tkun l-għola.

589.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet għada qed tistenna l-indirizzi tal-email jew l-indirizzi tad-dar tal-persuni nominati sabiex tkun tista' tibgħat tinfurmahom li ġew nominati.

**589.7 Estimi Annwali 2024**

589.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2024. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

589.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-*Business Plan* 2024-2028. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**589.8 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-impjegati**

589.8.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għas-sena 2023.

589.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*appraisal report* tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2023. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati tal-Kunsill jieħdu l-massimu (6%) tal-*performance bonus.*

589.8.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti €250 lil kull impjegat tar-*Resource and Support Services Limited* u tal-*Engineering Resources Limited.*

**589.9 Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2023 - Korsijiet Lifelong Learning 2024-2025 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità**

589.9.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-korsijiet *Lifelong Learning 2024-2025* li jiġu offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità.

**589.10 Ittri legali**

589.10.1. Ma kienx hemm ittri legali.

**589.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

589.11.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**589.12 Mozzjonijiet**

589.12.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**589.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

589.13.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar, 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

589.13.2 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-590 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku